**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM 7 TA' MEJJU 2019**

**Kawza Numru: 6**

**Rik. Gur. 416/2018 RGM**

## Ian Tabone eżerċenti l-kummerc u ġestitur tan-negozju 'Grand Interiors'

## vs.

## Dunstan Magro u Diane Magro Delia

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Rat ir-**rikors maħluf tal-attur Ian Tabone** eżerċenti l-kummerċ u ġestitur tan-negozju '*Grand Interiors*' preżentat fit-3 ta' Mejju, 2018 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. Illi l-esponent jeżerċita fil-kummerċ taħt l-isem ta' *Grand Interiors*, liema negozju jagħmlu fuq bażi *full-time* u jimpjega miegħu diversi ħaddiema.

2. Illi n-negozju li jiġestixxi bħala Grand Interiors jikkonsisti f'xogħol ta' dawl u ilma, tikħil, tibjid, installazzjonijiet ta' prodotti varji, *turnkey contracting, project management*, u ħafna xogħol ieħor li jirrellata mal-*finishing* ta' post.

3. Illi f'Awwissu tas-sena elfejn u ħmistax (2015), l-intimati bdew diskussjonijiet u eventwalment waslu għal-ftehim mal-esponent sabiex huwa jieħu ħsieb diversi xogħolijiet in konnessjoni mad-dar residenzjali tagħhom li kienet qed tinbena ġewwa Triq il-Wied fl-Iklin. Fil-fatt, sussegwentament għal dan, huwa ġie uffiċjalment ingaġġat fis-sittax (16) ta' Awissu kemm bħala '*turnkey contractor*', fejn jidħlu ċertu installazzjonijiet li kellhom isiru, kif ukoll sabiex jagħmel xogħol ta' dawl u ilma, u xogħolijiet oħrajn tramite in-negozju tiegħu, u ċioe, Grand Interiors, u dan kif jirriżulta minn 'Dok. IT 1', anness ma dan ir-rikors ġuramentat.

4. Illi fil-fatt l-esponent ħa ħsieb li joħroġ kwota tax-xogħol li kien ħa jsir u dan naturalment fil-parametri tax-xogħol li kien indikat lilu dak iż-żmien. Fil-fatt din l-ewwel kwota li nħarġet mil-esponent kienet fl-ammont ta' mitejn u sebgħa u għoxrin elf Ewro (€227,000) liema somma kienet soġġetta għal tibdil skond il-bżonnijiet, u dan kif ser jirriżulta mil-komunikazzjoni li kienet issir bejn il-partijiet.

5. Illi l-ftehim kien li l-ħlas isir *on account* u għalhekk ġie miftiehem li jibdew isiru pagamenti ratejali sabiex l-esponent jkollu l-fondi neċessarji sabiex jibda jaħdem fuq il-proġett li ġie ngaġġat biex jagħmel. Kif ser jirriżulta waqt is-smiegħ tal-provi, l-intimati kienu jgħaddu diversi pagamenti lil esponent sabiex dan ikun jista jkompli jiġestixxi l-appalt li għalih ġie ingaġġat.

6. Illi x-xogħol kien skedat biex jibda fl-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016), bl-għan illi jkun komplut f'Settembru tal-istess sena, kif jirriżulta wkoll mil-istess 'Dok IT 1'.

7. Illi wara li beda il-proġett beda jsir tibdil kontinwu fix-xogħol li kien qiegħed jagħmel l-esponent, l-materjal li kien qiegħed jintuża, is-sistemi li kellhom jiġu nstallati u anke fit-*timeframes* li kienu ġew stabiliti qabel beda l-proġett. Naturalment dan kollu

kien qiegħed iwassal għal tibdil kontinwu fil-kwota finali u fl-ammont ta' flus li l-intimati kienu qedgħin iħallsu lil esponenti, u dan kif ser jirriżulta waqt is-smiegħ tal-kawża.

8. Illi apparti minn dan it-tibdil kontinwu, irid jingħad ukoll li l-esponent kien ukoll qiegħed jagħmel xogħol ta' *project management*, liema xogħol huwa oriġinarjament ma kienx ingaġġat biex jagħmel. Madanakollu peress li rriżulta li ma kien hemm ħadt iktar sabiex jara l-andament tax-xogħol, u wara li saret diskussjoni mal-konvenuti sabiex ħaddiema li kienu qedgħin jagħmlu xogħol ieħor fil-proprjetá, iżommu mat-*timeframes* li ġew stabbiliti mal-intimati, l-esponent ħass li kien id-dover tiegħu bħala l-persuna inkarigata mil-maġġoranza assoluta tax-xogħolijiet, li jara li kollox kien miexi tajjeb u anke jagħti *progression reports* dettaljati lil intimati, u dan kif ser jirriżulta waqt is-smiegħ tal-kawża.

9. Illi sabiex din l-Onorabbli Qorti tifhem aħjar is-sitwazzjoni tal-esponenti, irid jingħad illi minkejja li x-xogħol ta' *finishing* li għalih kien ingaġġat l-esponent kellu suppost ikun lest f'Settembru tal-elfejn u sittax (2016), il-bennejja li għalihom ma kienx responsabbli l-esponent, lestew ix-xogħol tagħhom f'Diċembru tas-sena elfejn u sittax (2016). Fil-fatt kien hemm aktar minn okkazzjoni waħda fejn l-esponent ma setax jagħmel ix-xogħol li kien ġie ngaġġat biex jagħmel, minħabba li ħaddiema oħra li ma kienux ikunu responsabilitá tiegħu ma jkunux għadhom lestew xogħolhom, u dan kif ser jirriżulta waqt is-smiegħ tal-kawża.

10. Illi minkejja dan kollu ix-xogħol baqa għaddej u kif ser jirriżulta waqt is-smiegħ tal-kawża, l-esponent dejjem baqa jagħmel dak kollu possibli sabiex iħaffef ix-xogħol u li dak li jkun responsabbli għalih hu jew il-ħaddiema tiegħu, isir bl-aktar mod professjonali, fiż-żmien stabbilit u aktar importanti minn hekk, skond is-sengħa u l-arti.

11. Illi l-kwota finali dovuta u kkomunikata mal-intimati f'Diċembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) kienet dik ta' erba' mija u tnejn u tletin elf Ewro (€432,000), u dan kif jidher f'kopja tal-istess kwota hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok IT 5' u datata għoxrin (20) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sbatax (2017).

12. Illi jidher li meta ħarġet din il-kwota, l-intimati kienu affetwaw l-aħħar pagament tagħhom proprju f'Awissu tas-sena elfejn u sbatax (2017), b'dan illi l-ammont totali mħallas kien ta' tlett mija u sitta u ħamsin elf Ewro (€356,000), kif fil-fatt indikat fuq l-istess 'Dok. IT 5'.

13. Illi meta l-esponent tkellem mal-intimati sabiex ikomplu jagħmlu l-pagamenti, dawn bdew dejjem jevitaw milli jagħmlu dan u anke jġibu skużi sabiex jevitaw mill-obbligazzjoni tal-ħlas. Kif ser jirriżulta waqt is-smiegħ tal-kawża, kien hemm aktar minn okkazzjoni waħda fejn l-intimati ġabu skużi vessatorju u għal kollox frivoli sabiex ma jħalsux dak dovut minnhom inkluż allegazzjonijiet li x-xogħol ma sarx skond is-sengħa u l-arti jew li irriżultaw ħsarat fix-xogħol li kien sar.

14. Illi minkejja dan, l-esponent mar diversi drabi fuq il-post, anke wara li l-ħlasijiet kienu waqfu għal kollox sabiex jara l-istadju finali tal-proġett jiġi komplut, u anke jindirizza xi ilmenti li kienu qed iressqulu l-intimati, li kif diġa spjegat, kieni jkunu ilmenti frivoli u li kienu jiġu ndirizzati mmedjatament mil-esponent.

15. Illi fil-fatt kien wara dan kollu, u wara li kien impossibli għal-esponent li jottjeni ħlas għal xogħolu, li kellu jintavola l-proċeduri odjerni sabiex jissalvagwardja d-drittijiet tiegħu fil-fatt u fid-dritt.

16. Illi dan ifisser li l-bilanċ dovut huwa ta' sitta u sebgħin elf u tlett mija u tletin Ewro (€76,330), li minkejja li saru diversi interpellazzjonjiet sabiex dawn jitħallsu mil-aktar fis possibbli, l-intimati għażlu li jibqgħu inadempjenti.

GĦALDAQSTANT, in vista tas-suespost, l-esponent qiegħed umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni u/jew provvediment opportun

1. TIDDIKJARA u TIDDEĊIEDI li l-intimati huma debituri tal-esponent, u ċioe, ta' Ian Tabone li jeżerċita fil-kummerċ taħt l-isem ta' Grand Interiors, fl-ammont ta' sitta u sebgħin elf u tlett mija u tletin Ewro (€76,330), liema somma hija dovuta lilll-esponenti għax-xogħol li huwa eżegwixxa skond is-sengħa u l-arti, għal-liem xogħol huwa ma tħallasx dak kollu li kien dovut.

2. TILLIKWIDA l-ammont ta' sitta u sebgħin elf u tlett mija u tletin Ewro (€76,330) mingħandt l-intimati debituri, u ċioe Dunstan u Diane Magro.

3. TORDNA lil intimati debituri sabiex iħalsu l-ammont hekk likwidat lill-esponenti.

Bl-Ispejjeż, u bl-imgħax legali dekkorribli minn meta l-ammont sar dovut sal-ġurnata tal-pagament effettiv.

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-intimati Dunstan Magro u Diane Delia** preżentata fl-10 t'Awwissu, 2018 fejn jingħad kif ġej:

Fl-ewwel lok l-intimati jaghtu ruhhom b'notifikati bl-avviz tas-smiegh u r-rikors guramentat in vista tal-fatt li dawn ma gewx debitament notifikati lilhom.

**Preliminarjament:**
In-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati li jisimghu din il-kawza *stante* li l-partijiet ftehmu li kwalunkwe disputa kellha tigi sottomessa ghal arbitragg bejn il-partijiet kif jirrizulta minn Dok. IT 1, esebit mir-rikorrent stess.

**Fil-mertu:**
Illi l-bilanc li kien ghad fadal x'jithallas ghax-xogholijiet u l-prezzijiet pattwiti mill-partijiet kien jammonta ghal €11,669, u mhux €76,330 kif qed jippretendi l-attur, u l-bilanc ta' €11,669 jirrizulta b'mod car mill-invoices li l-attur kien jibghat lill-konvenuti. Fil-fatt l-attur kien jippreżenta b'mod regolari lill-konvenuti fatturi li fiha kien jinkludi: (i) dak li jkun hemm fl-aħħar fattura li jkun bagħat; u (ii) jżid ix-xogħlijiet ġodda li kien ikun mitlub jagħmel. L-aħħar fattura allura kienet tkun dejjem aġġornata u bbażata fuq ix-xogħlijiet li kienu jkunu maqbula li għandhom isiru. Dawn il-hmistax il-fattura li ħareg kien jinsa jibdlilhom id-data u allura huma kollha datati 26 ta' Novembru 2015. Illi skond il-fatturi li baghat l-istess atturi il-bilanc dovut kien jammonta ghal €11,669, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.

Illi x-xoghol li sar mill-attur ma sarx skond l-arti u s-sengha u x-xogholijiet li saru kienu kolpiti minn diversi difetti serji. Barra minn hekk kien hemm diversi xogholijiet li l-attur qed jippretendi

hlas taghhom li baqghu ma tlestewx, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.

Illi meta il-konvenuti qalu lill-attur li qabel ma jlesti x-xogholijiet u jirmedja d-difetti huma ma kienux lesti li jhallsuh il-bilanc ta' €11,669, l-attur qabad u arbitrarjament beda jawmenta il-kont, l-ewwel fis-27 ta' Marzu 2017 tellghu ghal €48,571 u issa qed jippretendi s-somma ta' €76,330. Madankollu f'komunikazzjoni datata 30 t'Awissu 2017 (hawn annessa bhala Dok. DMD1) li kien bagħat l-attur, kien ilmenta li jekk il-konvenuti kienu ħa jħallsu l-bilanċ kif qed jipproponu, bl-ammont ta' €1,500 fix-xahar, kienu ħa jdumu xi 11-il xaħar biex jaqtgħu il-bilanċ kollu. Dan ifisser li skond l-attur l-ammont minnu dovut kien ta' €16,669 u mhux l-ammont issa pretiz. Fil-fatt wara dan il-konvenuti hallsu is-somma ta' €5,000 u b'hekk l-ammont nizel ghal €11,669.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-ftehim bejn il-partijiet kien illi għal xogħolijiet li l-konvenuti kienu ħa jqabbdu għalihom lil Grand Interiors ma kienx ħa jkun hemm project management fee. Kellu jkun hemm project management fee biss jekk is-sur Tabone kien ħa jieħu ħsieb xogħlijiet li kienu qed jagħmlu kuntratturi oħra li hu ma kellu l-ebda konnessjoni magħħom. B'hekk kwalunkwe management fee mizjuda li ma tirrispekkjax dan il-ftehim saret b'mod abuziv u illegali.

Illi in vista tax-xogholijiet hziena li saru, mhux skond is-sengha u l-arti, u minhabba l-fatt li diversi xogholijiet baqghu ma gewx kompletati, spiccaw li l-konvenuti sofrew danni li jecceddu bi kbir il-bilanc verament dovut u sahansittra l-ammont pretiz mill-attur, u fil-fatt il-konvenuti sejrin jipprocedu b'azzjoni kontra l-attur una volta din il-Qorti tiddeteremina jekk ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tisma' di il-kawz, jew le.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-affidavit tal-attur u d-dokumenti annessi.[1]

Rat l-affidavit tal-konvenuta Diane Magro Delia.[2]

[1] Fol. 70
[2] Fol. 106

Semgħat it-trattazzjoni tal-abbli avukati tal-partijiet fl-udjenza tat-13 ta' Frar 2019 dwar l-eċċezzjoni preliminari mressqa mill-konvenuti.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawża tħalliet għallum għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari mressqa mill-konvenuti.

Ikkonsidrat.

**L-Azzjoni Attriċi u l-Eċċezzjoni Preliminari.**

Permezz tal-kawża odjerna l-attur qed jitlob li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsuh is-somma ta' €76,330 bilanċ minn somma akbar prezz ta' xogħolijiet eżegwiti mill-attur fuq inkarigu tal-konvenuti.

Il-konvenuti min-naħa tagħhom, filwaqt li qed jikkontestaw l-ammont reklamat mill-attur, qegħdin b'mod preliminari jeċċepixxu n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti peress li skond il-konvenuti il-partijiet kienu ftehmu illi kwalunkwe disputa bejniethom fir-rigward ta' dawk ix-xogħolijiet kellha tiġi sottomessa għal arbitraġġ.

**Provi**.

Jirriżulta illi l-konvenuti inkarigaw lill-attur sabiex jeżegwixxi diversi xogħolijiet fil-proprjeta' tagħhom ġewwa l-Iklin. Mill-atti ma jirriżultax illi l-partijiet iffirmaw xi kuntratt ta' appalt formali iżda waslu għal ftehim ta' bejniethom b'riżultat ta' diversi laqgħat kif ukoll skambju ta' emails bejniethom.

Il-konvenuti qed jibbażaw l-eċċezzjoni preliminari tagħhom fuq email li huma kienu bgħatu lill-attur fis-16 ta' Awissu 2015 fl-4.24pm. F'dik l-email il-konvenuti isemmu diversi aspetti tal-appalt li kien qed jiġi diskuss bejniethom fosthom id-dati tal-bidu u tmiem tax-xogħolijiet kif ukoll il-modalita' tal-pagamenti. Lejn l-aħħar tal-email il-konvenuiti jgħidu hekk:-

"4. We would like to include the following points in the agreement:

- omissis -

d. Dispute resolution - we propose that first and foremost as much as possible, any disputes are to be settled amicably between us.
In cases where this is not possible we agree to appoint an independent arbitrator who will be agble to give us his professional opinion. The arbitrator's decision would then be binding on both of us."

Għal din il-proposta l-attur wieġeb permezz ta' email mibgħuta fl-istess jum fil-ħin tad-9.27 p.m. Ħdejn l-ewwel sentenza ta' paragrafu d. niżżel il-kelma "Agreed". Hdejn it-tieni sentenza ta' paragrafu d. niżżel "Arbitrator to be chosen by both parties."

Ikkonsidrat;

**Konsiderazzjonijiet**.

Il-konvenuti jikkontendu illi l-email tagħhom tas-16 ta' Awissu 2015 tikkostitwixxi ftehim ta' klawsola arbitrali una volta ġiet aċċettata mill-attur. M'hemmx kuntrast bejn il-partijiet dwar l-awtentiċita' tal-emails eżebiti.

Matul it-trattazzjoni tal-abbli avukati tal-partijiet, id-difensur tal-attur jikkontendi illi una volta fis-16 ta' Awissu 2015 il-partijiet kienu għadhom fi stadju li qed jiddiskutu it-termini tal-ftehim allura l-iskambju li sar fis-16 ta' Awissu 2015 ma jorbotx lill-partijiet. Isostni illi fis-16 ta' Awissu 2015 il-partijiet kienu għadhom ma laħqu l-ebda ftehim tant li l-partijiet komplew bl-iskambji. Isostni illi fil-korrispondenza li kellhom wara ma semmew xejn dwar klawsola arbitrali. Għalhekk jikkontendi illi l-iskambju tas-16 ta' Awissu 2015 bejn il-partijiet dwar l-arbitraġġ ma jorbotx lill-partijiet.

Ikkunsidrat;

**Artikolu 730 tal-Kap. 12** jipprovdi illi:" L-eċċezzjoni ta' inkompetenza jew ta' illeġittimità ta' persuna, u l-eċċezzjonijiet ta'

transazzjoni, arbitraġġ, res judicata, preskrizzjoni jew nullitá ta' atti, għandhom jiġu deċiżi b'kapi għalihom, qabel, jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu."

**Artikolu 2 tal-Att dwar Arbitraġġ (Kap. 387)** jipprovdi illi "ftehim ta' arbitraġġ" tfisser ftehim kif imfisser fl-Artikolu 7 tal-Mudell ta' Liġi: ...."

Artikolu 7 tal-Mudell ta' Liġi li jinstab fl-Ewwel Skeda tal-att imsemmij jipprovdi kif ġej:-

**"Tifsir u għamla ta' ftehim ta' arbitraġġ**

(1) "Ftehim ta' arbitraġġ" huwa ftehim bejn il-partijiet li jissottomettu għal arbitraġġ kull tilwima jew xi tilwim li jkunu tnisslu jew li jistgħu jitnisslu bejniethom għar-rigward ta' relazzjoni legali definita, sew jekk kontrattwali sew jekk le. Ftehim ta' arbitraġġ jista' jkun fl-għamla ta' klawsola ta' arbitraġġ jew fl-għamla ta' ftehim separat.

(2) Il-ftehim ta' arbitraġġ għandu jsir bil-miktub. Ftehim ikun bil-miktub jekk dan ikun jinsab f'dokument iffirmat mill-partijiet jew fi skambju ta' ittri, telex, telegrammi jew mezzi oħra ta' telekomunikazzjoni li jipprovdu prova tal-ftehim, jew fi skambju ta' dikjarazzjonijiet ta' talba u ta' eċċezzjonijiet li fihom jiġi allegat minn xi parti li jkun hemm xi ftehim u dan ma jiġix miċħud mill-parti l-oħra. Ir-riferenza f'kuntratt għal dokument li jkun fih klawsola ta' arbitraġġ jikkostitwixxi ftehim ta' arbitraġġ kemm-il darba l-kuntratt ikun bil-miktub u r-riferenza tkun tali li tagħmel lil dik il-klawsola parti mill-kuntratt."

Jirriżulta illi meta l-konvenuti kitbu lill-attur l-email tas-16 ta' Awissu 2015 jibdew l-email tagħhom b'dan il-mod:-

".......We are pleased to inform you that you have been selected to carry out and manage the finishes at our villa in Iklin.

In the meantime we have gone through the terms at the end of your quote and have noted the following

\- omissis -

4. We would also like to include the following points in the agreement:

- omissis -

d. Dispute resolution - we propose that first and foremost as much as possible, any disputes are to be settled amicably between us. In cases where this is not possible we agree to appoint an independent arbitrator who will be able to give us his professional opinion. The arbitrator's decision would then be binding on both of us."

Il-liġi għalhekk tipprovdi illi skambju ta' emails huwa mezz idoneu sabiex partijiet jistipulaw ftehim dwar arbitraġġ għal disputi futuri bejniethom.

Il-bidu tal-email jindika illi l-attur kien bagħat lill-konvenuti stima għax-xogħlijiet li kienu jeħtieġu l-konvenuti. Jidher ukoll illi l-konvenuti kienu talbu stejjem mingħand ħaddieħor u li kienu finalment għazlu l-istima provduta mill-attur.

Il-konvenuti jikkontendu illi gialadarba l-attur irrisponda li kien jaqbel ma' klawsola 4d ta' l-email, allura il-partijiet kienu marbuta illi kwalunkwe disgwid bejniethom kellu jiġi rizolt fl-ewwel lok b'mod amikevoli u fin-nuqqas ta' ftehim permezz ta' arbitraġġ. L-attur mill-banda l-oħra jikkontendi illi dak l-iskambju ma jikwalifikax bħala vinkolu għal arbitragg f'każ ta' disputa bejn il-partijiet anke għaliex il-partijiet ma kienux għadhom ikkonkludew il-ftehim ta' bejniethom.

Ikkunsidrat;

Il-klawsola 4d intitolata "Dispute resolution" tiprospetta x'għandu jsir fl-eventwalita' illi jinqala xi disgwid bejn il-partijiet fir-rigward tax-xogħolijiet li l-konvenuti kienu qed jinkarigaw lill-attur sabiex jagħmel.

Jingħad f'din il-klawsola illi f'każ ta' nuqqas ta' qbil, fl-ewwel lok il-partijiet għandhom sa fejn possibbli jsolvu kwalunwe kwistjoni amikevolment. Jekk dan ma jkollux suċċess, flimkien jinkarigaw arbitru sabiex jagħti lill-partijiet **opinjoni professjonali.** Fis-sentenza ta' wara ma tintużax il-frażi "professional opinion" izda "**arbitrator's decision".** Fil-fehma tal-Qorti il-klawsola in dizamina hija problematika għaliex tagħti lill-arbitru hemm kontemplat żewġ funzjonijiet; waħda sabiex jagħti opinjoni professjonali u t-tieni sabiex jagħti deċiżżjoni. Opinjoni

professjonali tista' tinftiehem bħala parir li ma hux l-iskop ta' arbitru. Anzi jekk professjonist ikun ta parir dwar il-kwistjoni huwa eskluż milli fuq l-istess kwistjoni jagħmilha ta' arbitru.

Ingħad illi "......il-Qrati taghna accettaw il-validita` ta` klawsoli arbitrali meta kienu certi li l-ghazla tal-mod kif kellha tkun determinata kwistjoni bejn il-partijiet kienet tabilhaqq tirrifletti r-rieda taghhom skond il-ftehim ta` bejniethom" (QA - 27.06.24 - Foster vs Gatt)

Fil-kawża "**Zamsul Contractors Ltd vs Pharmacare Premium Limited"** deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Ġunju 2012, il-Qorti trattat klawsola arbitrali inkorporata fi ftehim, liema klawsola arbitrali kienet pjuttost dettaljata. Irriżulta pero' illi fl-istess klawsola kien hemm kontradizzjoni peress illi filwaqt li stipulat illi kwistjonijiet konnessi mal-ftehim kellhom jigi riferuti għal arbitraġġ ai termini tal-Att dwar l-Arbitragg; fl-istess kien hemm stipulat illi l-partijiet setgħu jagħmlu azzjonijiet "...including the right to seek or commence legal proceedings or take whatever action is available at law.". F'dik il-kawża l-Qorti irriteniet illi l-ftehim kien jikkontjeni "klawsoli konfliggenti" u għalhekk ir-referenza għall-arbitragg ma kenitx vinkolanti.

L-istess fil-kawża odjerna, hemm konflitt fondamentali fl-inkarigu li l-partijiet ftehmu li jagħtu lill-arbitru.

Il-klawsola dwar l-arbitraġġ hija nieqsa mill-minimu li jeħtieġ sabiex tkun enforzabbli. Sempliċement issemmi illi l-arbitru jitqabbad miż-żewġ partijiet. Ma jissemma xejn taħt liema regoli l-arbitru jaġixxi. Lanqas jissemma xejn dwar x'isir jekk il-partijiet ma jilħqux ftehim dwar min jinħatar bħala arbitru. Anke minn dan l-aspett il-Qorti tikkonkludi illi in-nuqqas tal-partijiet li ta' lanqas jirreferu għar-regoli tac-Centru tal-Arbitraġġ jirrendi l-istipulazzjoni dwar l-arbitru bħala mhux vinkolanti.

Jiġi wkoll osservat illi fl-email in kwistjoni ma hemm xejn speċifiku dwar fhiex kien jikkonsisti il-ftehim ta' xogħolijiet filwaqt li jidher illi l-partijiet kienu għadhom fl-istadju ta' diskussjonijiet dwar id-dettalji tal-ftehim. Mhux enforzabbli klawsola ta' arbitraġġ dwar ftehim inċert.

L-attur jissottometti wkoll b'mod sussidjarju illi l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti hija infondata peress li l-konvenuti ma ottemperawx ruħhom ma' dak li jipprovdi l-**Artikolu 15 sub-inċiż 3 tal-Kap. 387 (Att dwar l-Arbitraġġ)** li jaqra kif ġej:-

" (1) Fil-każ ta' ftehim ta' arbitraġġ domestiku, li jsir bis-saħħa tal-artikolu 14, it-tilwimiet għandhom jitranġaw skont id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima, bla ħsara għal kull tibdil bħalma (a) il-partijiet jistgħu jaqblu dwaru bil-miktub, u (b) jista' jkun permess bil-liġi.

(2) Għall-għanijiet ta' dan l-Att, tilwima tinkludi kull kontroversja jew pretensjoni li titnissel mill-ftehim jew li jkollha x'taqsam miegħu, jew il-ksur jew it-temm jew l-invalidità talftehim jew in-nuqqas ta' tħaris tal-ftehim.

(3) Minkejja kull dispożizzjoni li hemm fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jekk parti fi ftehim ta' arbitraġġ, jew xi persuna li tagħmel it-talba permezz jew bis-setgħa tal-parti, tibda xi proċedimenti legali f'qorti kontra kull parti oħra fil-ftehim ta' arbitraġġ jew xi persuna li tagħmel it-talba permezz jew bis-setgħa ta' dik il-parti, dwar kull ħaġa miftehma li tiġi riferita għall-arbitraġġ, kull parti f'dawk il-proċedimenti legali tista' f'kull żmien qabel ma tressaq xi eċċezzjonijiet jew tmexxi mod ieħor fil-proċedimenti, titlob lil dik il-qorti li twaqqaf il-proċedimenti, u dik il-qorti jew imħallef tagħha, kemm-il darba ma jkunx sodisfatt li l-ftehim ta' arbitraġġ ikun sar inoperattiv jew ma jistax jitkompla, għandha tordna li jitwaqqfu l-proċedimenti. Rikors jista' jsir minkejja li l-kwistjoni għandha tiġi riferita lill-arbitraġġ biss wara li jiġu eżawriti proċeduri oħra ta' riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet"

Huwa minnu illi l-konvenuti ma preżentaw l-ebda rikors sabiex il-Qorti tissoprasjedi ai termini tas-sub inċiż appena ċitat. Huwa minnu wkoll illi l-konvenuti ippreżentaw l-eċċezzjonijiet tagħhom inkluz l-eċċezzjoni preliinari in dizamina mingħajr ma qabel jew kontestwalment jew wara talbu li l-Qorti tissoprasjedi.

Dwar l-Artikolu 742(3) tal-Kap. 12 ġie ritenut illi : "....ghalkemm l-Artikolu 742(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li jekk

ikun hemm ftehim ta' arbitragg/klawsola arbitrali bejn il-partijiet kontendenti l-qorti ta' kompetenza civili ghandha twaqqaf il-procedimenti istitwiti quddiemha, il-Qorti hi tal-fehma illi l-applikazzjoni ta' dan il- provvediment tal-Ligi, ghandu jinqara flimkien ma' dak dispost fl-Artikolu 15(3) tal-Kap.387 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi dwar il-procedura li ghandha tigi segwita minn dik il-parti fi proceduri civili li appuntu trid titlob il-waqfien ta' dawk il-proceduri minhabba l-ezistenza ta' ftehim ta' arbitragg. Tant id-disposizzjonijiet kontenuti fil-Kap.387 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz ghalhekk l-Artikolu 15(3), ma jistghux jigu injorati fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 742(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, li f'dak l-istess artikolu tal-Ligi hemm dispost li l-Qorti ghandha tagixxi bla hsara ghad- disposizzjonijiet ta' kull ligi li tirregola l-arbitragg. ........Dak li kellu jaghmel il-Kunsill intimat, allura, kien illi qabel ma iressaq kwalsiasi eccezzjoni jaghmel talba appozita ghall-waqfien ta' proceduri istitwiti quddiem qorti ta' kompetenza civili minhabba l-ezistenza ta' ftehim ta' arbitragg bejn il-partijiet kontendenti. Tant il-Legislatur ried li l-parti li titlob il-waqfien tal-proceduri civili tressaq it-talba taghha quddiem il-Qorti qabel ma tressaq xi eccezzjonijiet jew b'mod iehor tmexxi fil-procedimenti, li ssubartikolu 8 ta' l-Artikolu 15 tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi "li mal-prezentata ta' rikors biex jitwaqqfu l-procedimenti skond issubartikolu (3), kull limitu ta' zmien ghall-prezentata ta' kull risposta ta' lintimat jew twegiba ohra, kemm jekk titnissel mil-ligi jew minn ordni ta' xi qorti jew tribunal, jew xort'ohra, ghandu jigi interott u ghandu jerga' jibda jsehh mid-data li fiha r-rikorrent jigi notifikat bid-decizjoni tal-Qorti li tichad ir-rikors, u dan irrispettivament minn jekk isirx appell minn xi parti dwar din iddecizjoni". (**Qorti tal-Appell - Alfred Portelli vs Kunsill Lokali Ta' Xbiex** - 26.11.2014) .

Il-Qorti filwaqt li taqbel mal-linja ta' ħsieb fis-sentenza appena ċitata qed tikkonkludi illi anke li kieku il-klawsola arbitrali fl-email *de quo* kienet vinkolanti, una volta l-konvenuti naqsu milli jitolbu fiż-żmien opportun bil-meżż ta' rikors is-sospensjoni tal-proċeduri quddiem din il-Qorti, tilfu id-dritt li jikkontestaw il-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti minħabba klawsola arbitrali.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi tiċħad l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti.

Spejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.

**Onor. Robert G. Mangion**
**IMĦALLEF**
7 ta' Mejju 2019

**Lydia Ellul**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**
7 ta' Mejju 2019